DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/976

tas-6 ta' Lulju 2020

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni ħlas parzjali għall-2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji *extra*-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir- Regolament (UE) 2015/323 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 19 sa 22 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ġunju 2020 li tispeċifika (a) l-ammont tat-tieni ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2020, (b) ammont annwali rivedut tal-kontribuzzjoni għall-2020, f'każijiet fejn l-ammont ivarja mill-bżonnijiet reali.

(2) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, fit-8 ta' April 2020, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) bagħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti taħt l-istrumenti li jiġġestixxi,

(3) L-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877 jipprevedi li s-sejħiet għal kontribuzzjonijiet l-ewwel jeżawrixxu l-ammonti previsti fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp preċedenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li ssir sejħa għal fondi taħt l-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp (l-"10 FEŻ") għall-BEI u taħt il-Ħdax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (il-"11-il FEŻ") għall-Kummissjoni,

(4) L-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2018/1877 jipprevedi li l-ammonti minn proġetti taħt l-10 FEŻ jew minn Fondi Ewropej għall-Iżvilupp preċedenti oħrajn mhux impenjati skont l-Artikolu 1(3) tal-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji *extra*-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (il-"Ftehim Intern"), jew diżimpenjati skont l-Artikolu 1(4) tal-Ftehim Intern, dment li ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Kunsill b'mod unanimu, għandhom inaqqsu dik il-parti mill-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 1(2) tal-Ftehim Intern.

([1]) ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1

([2]) ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.

(5) Permezz tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1800 ([3]), il-Kunsill adotta, fl-24 ta' Ottubru 2019, fuq proposta mill-Kummissjoni, id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet għall-FEŻ mill-Istati Membri għall-2020 li jikkonsisti minn EUR 4 400 000 000 għall-Kummissjoni, u minn EUR 300 000 000 għall-BEI,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjonijiet individwali għall-FEŻ li jridu jitħallsu mill-Istati Membri lill-Kummissjoni u lill-BEI bħala t-tieni ħlas parzjali għall-2020 huma stabbiliti fit-tabella fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Lulju 2020.

Għall-Kunsill
Il-President
M. ROTH

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1800 tal-24 ta' Ottubru 2019 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2021, l-ammont annwali għall-2020, l-ewwel ħlas parzjali għall-2020 u tbassir indikattiv u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2022 u 2023 (ĠU L 274, 28.10.2019, p. 9).

ANNESS

L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Skema tal-10 FEŻ f' %	Skema tal-11-il FEŻ f' %	It-tieni ħlas parzjali tal-2020 (EUR)		Totali
			Kummissjoni	BEI	
			Il-11-il FEŻ	L-10 FEŻ	
IL-BELĠJU	3,53	3,24927	51 988 320,00	3 530 000,00	55 518 320,00
Il-BULGARIJA	0,14	0,21853	3 496 480,00	140 000,00	3 636 480,00
IĊ-ĊEKJA	0,51	0,79745	12 759 200,00	510 000,00	13 269 200,00
ID-DANIMARKA	2,00	1,98045	31 687 200,00	2 000 000,00	33 687 200,00
IL-ĠERMANJA	20,50	20,57980	329 276 800,00	20 500 000,00	349 776 800,00
L-ESTONJA	0,05	0,08635	1 381 600,00	50 000,00	1 431 600,00
L-IRLANDA	0,91	0,94006	15 040 960,00	910 000,00	15 950 960,00
IL-GREĊJA	1,47	1,50735	24 117 600,00	1 470 000,00	25 587 600,00
SPANJA	7,85	7,93248	126 919 680,00	7 850 000,00	134 769 680,00
FRANZA	19,55	17,81269	285 003 040,00	19 550 000,00	304 553 040,00
IL-KROAZJA	0,00	0,22518	3 602 880,00	0,00	3 602 880,00
L-ITALJA	12,86	12,53009	200 481 440,00	12 860 000,00	213 341 440,00
ĊIPRU	0,09	0,11162	1 785 920,00	90 000,00	1 875 920,00
IL-LATVJA	0,07	0,11612	1 857 920,00	70 000,00	1 927 920,00
IL-LITWANJA	0,12	0,18077	2 892 320,00	120 000,00	3 012 320,00
IL-LUSSEMBURGU	0,27	0,25509	4 081 440,00	270 000,00	4 351 440,00
L-UNGERIJA	0,55	0,61456	9 832 960,00	550 000,00	10 382 960,00

L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Skema tal-10 FEŻ f' %	Skema tal-11-il FEŻ f' %	It-tieni ħlas parzjali tal-2020 (EUR)		Totali
			Kummissjoni	BEI	
			Il-11-il FEŻ	L-10 FEŻ	
MALTA	0,03	0,03801	608 160,00	30 000,00	638 160,00
IN-NETHERLANDS	4,85	4,77678	76 428 480,00	4 850 000,00	81 278 480,00
L-AWSTRIJA	2,41	2,39757	38 361 120,00	2 410 000,00	40 771 120,00
IL-POLONJA	1,30	2,00734	32 117 440,00	1 300 000,00	33 417 440,00
IL-PORTUGALL	1,15	1,19679	19 148 640,00	1 150 000,00	20 298 640,00
IR-RUMANIJA	0,37	0,71815	11 490 400,00	370 000,00	11 860 400,00
IS-SLOVENJA	0,18	0,22452	3 592 320,00	180 000,00	3 772 320,00
IS-SLOVAKKJA	0,21	0,37616	6 018 560,00	210 000,00	6 228 560,00
IL-FINLANDJA	1,47	1,50909	24 145 440,00	1 470 000,00	25 615 440,00
L-IŻVEZJA	2,74	2,93911	47 025 760,00	2 740 000,00	49 765 760,00
IR-RENJU UNIT	14,82	14,67862	234 857 920,00	14 820 000,00	249 677 920,00
TOTAL EU-27 U R-RENJU UNIT	100,00	100,00	1 600 000 000,00	100 000 000,00	1 700 000 000,00